**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 82 - L-ERBGĦA 6 TA' FRAR 2019**

**LAQGĦA B'URĠENZA**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi Sindku |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fil-17:35) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Clifford Galea | Kunsillier |

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li kienet waslet email mingħand il-Kunsillier Galea jinforma li ma setax jattendi minħabba li kien xogħol.

**2. BIDU TAL-LAQGĦA**

2.1. Is-Sindku infurmat li kienet issejħet din il-laqgħa minħabba suġġetti li ma setgħux jistennew laqgħa oħra.

**3. RAPPORT FINANZJARJU**

3.1. Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju għas-sena 2018. Kien hemm preżenti l-accountant tal-Kunsill li spjegat fiex kien jikkonsiti u l-figuri filwaqt li l-Kunsillieri kienu mistiedna jistaqsu jekk iħossu l-ħtieġa.

3.2. Is-SE informa li wara dan issir il-verifika mill-Awdituri.

3.3. Dan ir-rapport kien approvat *nem con*.

## 4. IL-BAĠIT GĦAS-SENA 2019

4.1. Is-SE ippreżenta l-baġit għas-sena 2019 fejn spjega l-figuri kif inhuma proposti. Dan sar ukoll wara *input* mis-Sindku kif ukoll minn talbiet passati tal-Kunsillieri biex ikun jirrifletti x-xewqat u l-prijoritajiet tal-Kunsill.

4.2. Huwa informa li kien qiegħed jiġi ppreżentat l-akbar nefqa ta' proġetti kapitali li qatt il-Kunsill ippreżenta.

4.3. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill approva l-baġit li però se jkun suġġett għall-konferma jekk ma jkun hemm l-ebda proposta fil-laqgħa tal-Kunsill li tista' taffettwa l-baġit. Jekk allura ma jkunx hemm tali proposti l-baġit jitqies li huwa kkonfermat.

## 5. XIRI TA' GARAXX

5.1. Is-Sindku spjegat u fakkret fid-deċiżjoni tal-Kunsill li jixtri garaxx kbir u kien għalhekk li kienet ħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet. Kienet waslet kwotazzjoni waħda għall-prezz ta' Eur245,000 għal garaxx kbir fi Triq Ħal Dgħejf.

5.2. Il-Kunsill qabel li jinxtara dan il-garaxx iżda s-Sindku, qabel jibda l-proċess tal-konvenju u kuntratt, għandha tagħmel tentattiv biex possibilment jitnaqqas il-prezz. Dan sar wara proposta mis-Sindku ssekondata mil-Kunsillier Brincat.

## 6. TMIEM TAL-LAQGĦA

6.1. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.20pm.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |